Bħalhom għandu nisel, ġrajja u grammatka tiegħu, bħalhom ixxebbah ma' ilsna ta' nies li kellhom x'jaqsmu miegħu, bħalhom bil-mod inkiteb, għalkemm ma ġiex daqshom il-qudiem, u bħalhom maż-żmien jista' jkollu l-*letteratura* tiegħu.

**A. Cremona.**

## LILL-FARFETT

Fejn sejjer tixxejjer
hekk ċkejken, hekk ħlejju,
f'din l-għodwa ta' Mejju,
Ja sbejjaħ farfett?

Xi jlellex dak ġewnħek
bit-trab ta' mitt warda
li ħieni bdejt tarda
x'ħin sebaħ il-jum!

Ix-xeħta ferħana
ta' min dejjem ħieni
u jisbaħ minn kmieni
bil-qalb qiegħda tfur,

inħobbha, ja mżewwaq;
le rrid illi lilek
xi deni jiġrilek
ja mqareb farfett:

w-hekk qatt, ja ferrieħi,
tiġrilek xi ħsara
jew tehda dil-ħrara
li għandek il-lum,

ejj'għandi w-tektikli
b'dak ġewnħek bellusi,
ħa' nkisser karusi
u nreġġgħek ferħan!

**R. Briffa.**

## MITA THOBB....

Konna fl-aħħar tax-xitwa. Ix-xemx safranija kien għoddha nħbiet fil-baħar kaħlani u d-dlam bida nieżel qajla-qajla fuq ir-raba' tagħna. Iżda ma kienx għadu dalam sewwa. Kien dak il-ħin illi r-raħħala jiġbru l-imrieħel biex ikennuhom mill-kesħa ta' fil-għaxija, waqt li ż-żiffa tar-riħ twasslilhom mill-bogħod id-daqq ħelu ta' l-*Ave Maria*.

Kollni ħosbien kont għaddej waħdi minn triq qalb l-egħlieqi. Ma' kull naħa tat-triq kien hemm filliera twila ta' siġar bil-friegħi mneżżża' mill-ħdura tal-weraq. Uċuh l-egħlieqi, ħomor daqs id-demm u maħruta friski, kienu miftuħa biex jilqgħu u jħaddmu ż-żara' tal-ħajja.

Is-skiet ta' ma' dwari u l-ħemda tal-lejl li kien riesaq imlewni bi swied il-qalb; f'daqqa lmaħt quddiemi l-knisja bajdanija ta' raħal żgħir u deherli li bdejt nisma' fil-bogħod il-ħoss ta' qampiena ċkejkna. Komplejt nimxi sa ma dħalt fir-raħal, bil-ħsieb li naqsmu u nibqa' għaddej, iżda l-ħoss tal-qampiena smajtu mill-ġdid, ħassejtu joqrob u fl-aħħar rajt Vjatku riesaq lejja. Mimli qima kxift rasi, ilwejt riġlejja u stennejtu jgħaddi.

Għadda l-istandard aħmar iperper mal-fewġa tar-riħ, warajh erbât itfal bil-fanal jixgħel f'idhom, u għadda wkoll il-qassis igerger it-talb waħdu. Iżda dak li laqatni u messli qalbi kien li warajh ma kien hemm ħadd.

Ħarist ma' dwari; ma' ġenbi kien hemm gabillott xuxa bl-imagħsqa ma' ġenbu. Rajtu jmejjel rasu u jkemmex xofftejh. Mistagħġeb, ersaqt lejh bil-mod.

"Ħabib, għaliex m'hemm ħadd?" u b'subgħajja wrejtu l-Vjatku.

"Għax sejrin iqarbnu waħda minn *dawk* tal-belt...."

"Xi ġralha?...."

"Xorbot il-velenu...."

Minngħajr ma ridt, f'leħħa ta' berqa, rajt quddiem għajnejja ħajja ta' tbatija, ħajja mimlija dwejjaq u mrar. Rajt bniedma, fil-beraħ, tixxengel 'l hawn u 'l hemm, taqa' u tqum, u tarġa' taqa' biex ma tqumx iżjed. Ġibt quddiem għajnejja l-kefrija tal-bnedmin li ma jħennux għal min Alla jħenn, u li huma dejjem lesti biex ikasbru u jitfgħu taħt is-saqajn 'il min, fit-taħbit tal-ħajja, naqas xi ftit minn dmiru. Qalbi ngħafset għal dik l-imsejkna li ma kontx naf, u waħdi, b'idejja marbuta, b'għajnejja fl-art, imxejt wara l-Vjatku.